REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1705

tal-14 ta' Lulju 2021

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/692 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 234(2), 237(4), 239(2) u 279(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jissupplimenta r-regoli dwar is-saħħa tal-annimali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/429, fir-rigward tad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul, ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali.

(2) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 fit-3 ta' Ġunju 2020 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ġew identifikati ċerti żbalji jew ommissjonijiet minuri fid-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament Delegat. Jenħtieġ li dawk l-iżbalji u l-ommissjonijiet jiġu kkoreġuti u għalhekk jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jiġi emendat skont dan.

(3) Barra minn hekk, ċerti regoli stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li jiġu emendati sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu konsistenti mar-regoli stabbiliti f'atti delegati oħrajn adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/429, u r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(4) Jeħtieġ ukoll li r-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jiġi emendat biex ikopri ċerti ċirkostanzi li inizjalment tħallew barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dak l-att, u biex ikopri ċerti possibbiltajiet li huma previsti f'atti tal-Unjoni li ġew adottati qabel ir-Regolament (UE) 2016/429, u li jenħtieġ li jinżammu fil-qafas tar-Regolament (UE) 2016/429. Dan huwa importanti sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni mingħajr xkiel mir-rekwiżiti stabbiliti f'dawk l-atti tal-Unjoni preċedenti dwar id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali, jew biex jiġu ċċarati l-ispeċijiet u l-kategoriji tal-annimali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali li għalihom jenħtieġ li japplikaw jew jenħtieġ li ma japplikawx ċerti rekwiżiti.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

(5) Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li jiżgura wkoll tranżizzjoni mingħajr xkiel mir-rekwiżiti stabbiliti f'atti tal-Unjoni preċedenti dwar id-dħul fl-Unjoni ta' annimali akkwatiċi u prodotti li joriġinaw mill-annimali, peress li dawn urew li huma effettivi. Għalhekk, l-għan u s-sustanza ta' dawk ir-regoli eżistenti jenħtieġ li jinżammu f'dak ir-Regolament Delegat, iżda għandhom jiġu adattati biex jaqblu mal-qafas leġiżlattiv il-ġdid stabbilit mir-Regolament (UE) 2016/429.

(6) Barra minn hekk, ir-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li ma japplikawx għal prodotti li joriġinaw minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin, minbarra dawk li jkunu maħsuba għal ipproċessar ulterjuri fl-Unjoni, minħabba li ma hemm l-ebda raġuni sinifikanti dwar is-saħħa tal-annimali biex dawn il-prodotti jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament Delegat. Għalhekk, l-Artikolu 1(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, li jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni ta' dak l-att, jenħtieġ li jiġi emendat.

(7) Id-definizzjoni ta' annimal porċin, kif stabbilita attwalment fil-punt (8) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 hija adatta biss għall-fini tad-dħul fl-Unjoni ta' dawk l-annimali. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686 ([4]), li jistabbilixxi regoli dwar il-moviment fl-Unjoni ta' prodotti ġerminali, jipprevedi definizzjoni differenti ta' annimali porċini, li hija xierqa għad-donaturi ta' prodotti ġerminali. Għalhekk, id-definizzjoni ta' annimali porċini fir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li tiġi emendata biex tkopri d-dħul fl-Unjoni kemm ta' annimali porċini kif ukoll ta' prodotti ġerminali ta' annimali porċini.

(8) Id-definizzjoni ta' "dgħajsa barrada" stabbilita attwalment fil-punt (48) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 ma tikkonformax mad-definizzjoni ta' "dgħajsa barrada" stabbilita fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/990 ([5]). Fl-interessi tal-konsistenza tar-regoli tal-Unjoni, id-definizzjoni fil-punt (48) tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li tiġi emendata biex issir konformi mad-definizzjoni stabbilita fir-Regolament Delegat (UE) 2020/990.

(9) Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jistabbilixxi rekwiżiti dwar l-ispezzjoni ta' annimali terrestri qabel id-dispaċċ tagħhom lejn l-Unjoni, li fil-każ tal-pollam ikopru wkoll il-qatgħa ta' oriġini tiegħu. Madankollu, jenħtieġ li jiġi ċċarat li dawk ir-rekwiżiti ma japplikawx għall-qatgħa ta' oriġini ta' flieles ta' ġurnata, f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli sal-21 ta' April 2021, stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 ([6]). Għalhekk, l-Artikolu 13(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(10) Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/692, li japplika mill-21 ta' April 2021, jenħtieġ li jiżgura tranżizzjoni mingħajr xkiel mir-rekwiżiti stabbiliti f'atti tal-Unjoni preċedenti dwar id-dħul fl-Unjoni ta' annimali terrestri, u ta' prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw minn annimali terrestri, peress li dawn urew li huma effettivi. Għalhekk, l-għan u s-sustanza ta' dawk ir-regoli jenħtieġ li jinżammu f'dak ir-Regolament Delegat, iżda jenħtieġ li jiġu adattati biex jaqblu mal-qafas leġiżlattiv il-ġdid stabbilit mir-Regolament (UE) 2016/429. L-Artikolu 11(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 ([7]) ippreveda li, wara l-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni, il-konsenji ta' ungulati, għajr ungulati maħsuba għal stabbilimenti konfinati, għandhom jibqgħu fl-azjenda ta' destinazzjoni għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum, dment li dawn ma jintbagħtux direttament lejn biċċerija. Ir-Regolament (UE) Nru 206/2010 tħassar bir-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Madankollu, ir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 ma jipprevedix il-possibbiltà li l-ungulati jiġu mċaqilqa lejn biċċerija matul il-perjodu ta' 30 jum wara d-dħul tagħhom fl-Unjoni. Għalhekk, l-Artikolu 26 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li jiġi emendat biex jipprevedi dik il-possibbiltà, peress li l-movimenti matul dak il-perjodu ma jwasslu għall-ebda tħassib sinifikanti dwar is-saħħa tal-annimali.

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-prodotti ġerminali u r-rekwiżiti tat-traċċabbiltà u tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni tal-prodotti ġerminali ta' ċerti annimali terrestri miżmuma (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 1)

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/990 tat-28 ta' April 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikazzjoni għall-movimenti fl-Unjoni ta' annimali akkwatiċi u prodotti li joriġinaw minn annimali akkwatiċi (ĠU L 221, 10.7.2020, p. 42).

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1).

([7]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikulari u laħam frisk u r-rekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1).

(11) Barra minn hekk, id-deroga mir-rekwiżit rigward il-perjodu ta' residenza ta' 30 jum fl-istabbiliment ta' destinazzjoni wara d-dħul fl-Unjoni previst fl-Artikolu 26 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 li bħalissa tapplika biss għal annimali ekwini maħsuba għall-kompetizzjoni, għat-tiġrijiet u għall-avvenimenti kulturali jenħtieġ li tiġi estiża għall-annimali ekwini kollha, u dak l-Artikolu jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(12) Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jipprevedi deroga mir-rekwiżiti stabbiliti f'dak l-att għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' pollam u bajd għat-tifqis tal-pollam fil-każ ta' konsenji ta' inqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti, u konsenji ta' inqas minn 20 bajda għat-tifqis tal-pollam għajr ir-ratiti. Madankollu, ċerti rekwiżiti dwar il-mezzi tat-trasport, il-kontenituri li fihom dawn jiġu ttrasportati lejn l-Unjoni, it-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u d-diżinfezzjoni li tapplika għall-pollam u għall-bajd għat-tifqis, jenħtieġ li japplikaw ukoll għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' inqas minn 20 eżemplar ta' pollam, għajr ir-ratiti, u inqas minn 20 bajda għat-tifqis tal-pollam, għajr ir-ratiti. Għalhekk, l-Artikoli 49 u 101 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

(13) Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jipprevedi li l-għasafar miżmuma kollha, mibgħuta lejn l-Unjoni, jenħtieġ li jiġu mlaqqma kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle. Madankollu, dan ma huwiex possibbli mil-lat prattiku u huwa inkonsistenti mar-rekwiżiti għad-dħul fl-Istati Membri bi stat ħieles minn infezzjoni kontra l-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim. Għalhekk, l-Artikolu 57 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li jiġi emendat biex jiġi ċċarat li r-rekwiżiti fir-rigward tal-vaċċini użati kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle japplikaw fil-każ fejn l-għasafar miżmuma jkunu tlaqqmu kontra dik il-marda.

(14) Il-ħamiem tat-tiġrija jaqa' taħt id-definizzjoni ta' "għasafar miżmuma fil-magħluq" stabbilita fil-punt (10) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/429. Għalhekk, ir-rekwiżiti speċifiċi dwar is-saħħa tal-annimali għall-għasafar miżmuma fil-magħluq stabbiliti fil-Parti II, it-Titolu 3, il-Kapitolu 2, tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 japplikaw ukoll għal dawk l-annimali. Madankollu, dawk ir-rekwiżiti jillimitaw il-possibbiltà għad-dħul fl-Unjoni tal-ħamiem tat-tiġrija minn pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu bl-intenzjoni li jtiru lura lejn dak il-pajjiż terz jew territorju jew żona. Barra minn hekk, il-ħamiem tat-tiġrija introdott fl-Unjoni bl-intenzjoni li jtir lura lejn il-pajjiż terz jew it-territorju tal-oriġini jew żona tiegħu ma għandhomx l-istess riskju għas-saħħa tal-annimali bħall-għasafar miżmuma fil-magħluq. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jiġi emendat biex jipprevedi deroga mir-rekwiżiti speċifiċi dwar is-saħħa tal-annimali għall-għasafar miżmuma fil-magħluq għad-dħul fl-Unjoni tal-ħamiem tat-tiġrija minn pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu fejn jinżamm normalment, bl-intenzjoni li jinħeles immedjatament bl-istennija li jtir lura lejn dak il-pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu.

(15) L-Artikolu 74 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' identifikazzjoni għad-dħul fl-Unjoni ta' klieb, qtates u inmsa. Fir-rigward tar-rekwiżiti għall-mezzi ta' identifikazzjoni tagħhom, dan jirreferi għall-atti ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 120 tar-Regolament (UE) 2016/429. Madankollu, dawn l-atti ta' implimentazzjoni għadhom ma ġewx adottati, peress li l-Artikolu 277 tar-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li r-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) jeħtieġ ikompli japplika sal-21 ta' April 2026 fir-rigward ta' movimenti mhux kummerċjali ta' annimali domestiċi ta' dawk l-ispeċijiet. Għalhekk, l-Artikolu 74 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li jiġi emendat sabiex jirreferi għar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 576/2013.

(16) Minħabba ommissjoni, ma hemm l-ebda dispożizzjoni fir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 dwar l-ispezzjoni ta' konsenji ta' prodotti ġerminali qabel id-dispaċċ tagħhom lejn l-Unjoni. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat li l-konsenji ta' prodotti ġerminali jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 qabel ma dawn ikunu awtorizzati jidħlu fl-Unjoni, dak ir-Regolament Delegat jenħtieġ li jiġi emendat sabiex jistabbilixxi regoli relatati mal-eżamijiet u l-kontrolli meħtieġa ta' dawk il-konsenji.

(17) L-Artikolu 86 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jipprevedi li l-konsenji ta' ooċiti u embrijuni ta' annimali bovini jenħtieġ li jitħallew jidħlu fl-Unjoni jekk annimal donatur ikun ġej minn stabbiliment ħieles mil-lewkożi enzootika bovina. L-Artikolu 87(2) ta' dak ir-Regolament Delegat jipprevedi deroga għal stabbiliment mhux ħieles mil-lewkożi enzootika bovina bil-kundizzjoni li l-annimali donaturi jkollhom inqas minn sentejn u li ma jkun seħħ

([8]) Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 1)

l-ebda każ kliniku ta' lewkożi enzootika bovina matul perjodu ekwivalenti għal mill-inqas it-tliet snin preċedenti. Dik id-deroga jenħtieġ li tapplika għall-annimali donaturi bovini irrispettivament mill-età tagħhom. Għalhekk, l-Artikolu 87(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(18) Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jipprevedi li l-bajd għat-tifqis tal-pollam irid joriġina minn qatgħat li jkunu ġew soġġetti għal spezzjoni klinika fi żmien 24 siegħa qabel il-ħin tat-tagħbija tal-konsenja tal-bajd għat-tifqis għad-dispaċċ lejn l-Unjoni. Madankollu, il-pajjiżi terzi u l-partijiet ikkonċernati indikaw li dak ir-rekwiżit iżid b'mod mhux iġġustifikat il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet kompetenti u għall-operaturi u jikkostitwixxi riskju għall-bijosigurtà tal-istabbilimenti. Meta jitqies li dak il-bajd joriġina fi stabbilimenti approvati li japplikaw regoli stretti dwar il-bijosigurtà, huwa xieraq li jkun hemm perjodu ta' żmien usa' għall-ispezzjoni klinika tal-qatgħa ta' oriġini tal-bajd għat-tifqis, simili għal dak li huwa previst fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688 ([9]) għall-moviment ta' dawk il-prodotti bejn l-Istati Membri. Għalhekk, l-Artikolu 107 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(19) Il-Kapitolu 4 tat-Titolu 2 tal-Parti III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jistabbilixxi r-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' bajd ħieles minn patoġeni speċifikati, inkluż ir-rekwiżiti dwar l-istabbiliment ta' oriġini ta' dak il-bajd. Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li jiġi emendat biex jipprevedi li dawk l-istabbilimenti f'pajjiżi terzi jiġu approvati f'konformità mar-regoli li japplikaw għal dawk l-istabbilimenti fl-Unjoni.

(20) L-annimali akkwatiċi kif definiti fil-punt (3) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/429 jinkludu l-annimali miżmuma u l-annimali selvaġġi. Għalhekk, l-annimali akkwatiċi jistgħu jitħallew jidħlu fl-Unjoni minn stabbilimenti tal-akkwakultura u minn ħabitats selvaġġi. Għaldaqstant, jistgħu jintbagħtu minn "post ta' oriġini" jew minn "stabbiliment ta' oriġini". Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li jippermetti dik il-possibbiltà u għalhekk il-punti (a) u (d) tal-Artikolu 167 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

(21) Għal ċerti kategoriji ta' annimali akkwatiċi u l-prodotti tagħhom, l-Artikolu 172 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jipprevedi derogi mir-rekwiżit li jkunu joriġinaw minn pajjiż terz, territorju, żona jew kompartiment ħieles mill-mard. Madankollu, fil-każijiet kollha, l-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, iridu joriġinaw minn stabbiliment, li jkun jew irreġistrat jew approvat f'konformità mal-Parti IV, it-Titolu II, il-Kapitolu 1, tar-Regolament (UE) 2016/429. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jemenda l-Artikolu 172 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 biex jagħmilha ċara li d-deroga li dan jipprovdi, tapplika mhux għall-Artikolu 170, iżda speċifikament għall-Artikolu 170(1) ta' dak ir-Regolament Delegat.

(22) Minħabba ommissjoni, l-Artikolu 174(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li jiġi emendat sabiex jirreferi għall-Artikolu 170(1)(a)(iii), aktar milli għall-Artikolu 170(a)(iii).

(23) L-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-Istati Membri jkunu approvaw miżuri nazzjonali għal marda għajr marda elenkata msemmija fl-Artikolu 9(1), il-punt (d) ta' dak ir-Regolament. L-Artikolu 175 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-Anness XXIX tiegħu jenħtieġ li jiġu emendati biex jiġi ċċarat li l-Istati Membri jistgħu jieħdu dawn il-miżuri mhux biss għal mard mhux elenkat, iżda wkoll għal mard elenkat fl-Artikolu 9(1), il-punt (e) tar-Regolament (UE) 2016/429.

([9]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/688 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni ta' annimali terrestri u bajd għat-tifqis (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 140).

(24) Minħabba l-kapaċitajiet ta' stokkjar fit-tul tas-semen, l-ooċiti u l-embrijuni, il-Parti IV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li tistabbilixxi ċerti miżuri tranżizzjonali rigward il-prodotti ġerminali miġbura, prodotti, ipproċessati u maħżuna f'konformità mad-Direttivi tal-Kunsill 88/407/KEE ([10]), 89/556/KEE ([11]), 90/429/KEE ([12]) u 92/65/KEE ([13]). Dawk il-miżuri jenħtieġ li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' ċentri għall-ġbir tas-semen, ċentri għall-ħżin tas-semen, gruppi għall-ġbir tal-embrijuni u gruppi għall-produzzjoni tal-embrijuni skont dawk id-Direttivi, u l-immarkar ta' tubi straw u ta' pakketti oħrajn li fihom jitqiegħdu, jinħażnu u jiġu ttrasportati s-semen, l-ooċiti jew l-embrijuni. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jikkonċernaw ukoll ir-rekwiżiti għall-ġbir, għall-produzzjoni, għall-ipproċessar u għall-ħżin ta' prodotti ġerminali, għas-saħħa tal-annimali ta' annimali donaturi u għal-laboratorju u testijiet oħra mwettqa fuq annimali donaturi u prodotti ġerminali skont dawk id-Direttivi. Jeħtieġ li jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda tfixkil fil-kummerċ ta' dawk il-prodotti ġerminali, minħabba l-importanza tagħhom għas-settur tat-tnissil tal-annimali. Għalhekk, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' prodotti ġerminali miġbura jew ta' prodotti qabel il-21 ta' April 2021 li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttivi 88/407/KEE, 89/556/KEE, 90/429/KEE u 92/65/KEE, jenħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali fir-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Jenħtieġ li dak ir-Regolament Delegat jiġi emendat skont dan.

(25) It-Tabella 1 tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 tistabbilixxi, fost affarijiet oħra, ir-rekwiżiti fir-rigward tal-perjodi ta' residenza tal-annimali ekwini qabel id-dħul tagħhom fl-Unjoni. B'mod partikolari, huma stabbiliti perjodi speċifiċi ta' residenza għall-annimali ekwini għajr l-annimali ekwini rreġistrati, għall-annimali ekwini rreġistrati u għad-dħul mill-ġdid wara l-esportazzjoni temporanja ta' żwiemel irreġistrati. Dawk il-perjodi ta' residenza jenħtieġ li jkunu aktar dettaljati biex jiġu mmirati r-riskji li jirriżultaw mid-dħul ta' annimali ekwini mhux maħsuba għall-iskarnar, żwiemel irreġistrati u annimali ekwini maħsuba għall-iskarnar, kif ukoll mid-dħul mill-ġdid wara l-esportazzjoni temporanja ta' żwiemel reġistrati. Jenħtieġ li dak l-Anness jiġi emendat skont dan.

(26) It-Tabella 2 tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 tistabbilixxi r-rekwiżiti fir-rigward tal-perjodi ta' residenza tal-pollam qabel id-dħul tagħhom fl-Unjoni. B'mod partikolari, huma stabbiliti perjodi speċifiċi ta' residenza għall-pollam produttiv għall-produzzjoni ta' laħam jew bajd għall-konsum u għall-pollam produttiv għall-istokkjar mill-ġdid ta' provvisti ta' għasafar tal-kaċċa, iżda mhux għall-pollam produttiv għall-produzzjoni ta' prodotti oħra. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu speċifiku ta' residenza għall-kategorija tal-pollam produttiv għall-produzzjoni ta' prodotti oħrajn ukoll. Jenħtieġ li dak l-Anness jiġi emendat skont dan.

(27) Il-punt 2 tal-Anness XV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali għall-pollam u għall-bajd għat-tifqis li joriġinaw minn pajjiż terz jew minn territorju jew żona tiegħu fejn il-vaċċini użati kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle ma jissodisfawx il-kriterji speċifiċi stabbiliti fil-punt 1 ta' dak l-Anness. Madankollu, jenħtieġ li tingħata aktar kjarifika dwar liema minn dawk ir-rekwiżiti japplikaw għall-pollam, għall-bajd għat-tifqis u għall-qatgħat ta' oriġini tagħhom. Jenħtieġ li dak l-Anness jiġi emendat skont dan.

(28) Ir-regoli previsti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jissupplimentaw lil dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/429. Peress li dawk ir-regoli huma interrelatati, huma stabbiliti flimkien f'att uniku. Fl-interess taċ-ċarezza u għall-applikazzjoni effettiva tagħhom, jixraq li r-regoli li jemendaw ir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jiġu stabbiliti wkoll f'att delegat uniku li jipprovdi sett komprensiv ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodott ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali.

(29) Għalhekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(30) Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 japplika mill-21 ta' April 2021. Fl-interess taċ-ċertezza legali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza,

---

([10]) Id-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE tal-14 ta' Ġunju 1988 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju u għal importazzjonijiet ta' deep frozen semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini (ĠU L 194, 22.7.1988, p. 10).

([11]) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru 1989 dwar kondizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fi u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrijoni ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-ifrat (ĠU L 302, 19.10.1989, p. 1).

([12]) Id-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-bhejjem applikabbli għal kummerċ intra-Komunitarju u għall-importazzjonijiet ta' semen ta' bhejjem domestiċi tal-ispeċi tal-majjali (ĠU L 224, 18.8.1990, p. 62).

([13]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(I) ta' Direttiva 90/425/KEE (ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 6, il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"6. Il-Parti V tistabbilixxi r-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni, kif ukoll għall-moviment u għall-immaniġġjar wara d-dħul, u d-derogi minn dawk ir-rekwiżiti għall-ispeċijiet li ġejjin ta' annimali akkwatiċi fl-istadji kollha tal-ħajja kif ukoll il-prodotti li joriġinaw mill-annimali tagħhom, minbarra l-prodotti li joriġinaw mill-annimali għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin li jkunu maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem u l-annimali akkwatiċi selvaġġi u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali minn dawk l-annimali akkwatiċi selvaġġi li jinħattu minn bastimenti tas-sajd maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem:";

(b) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Il-Parti VII tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali u finali.";

(2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (8) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(8) "annimal porċin" tfisser annimal tal-ispeċijiet tal-ungulati li jappartjenu għall-familja *Suidae* elenkati fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2016/429 għall-fini tad-dħul fl-Unjoni ta' annimal jew ta' annimal tal-ispeċi *Sus scrofa* għall-fini tad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti ġerminali;";

(b) il-punt (48) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(48) "dgħajsa barrada" tfisser "dgħajsa barrada" kif definita fil-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/990 (*);

(*) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/990 tat-28 ta' April 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikazzjoni għall-movimenti fl-Unjoni ta' annimali akkwatiċi u prodotti li joriġinaw minn annimali akkwatiċi (ĠU L 221, 10.7.2020, p. 42).";

(3) fl-Artikolu 3, il-punt (a)(i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(i) fil-każ ta' annimali terrestri, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali, pajjiż terz elenkat jew territorju jew żona tiegħu għall-ispeċi u għall-kategorija partikolari ta' annimali, ta' prodotti ġerminali u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali;";

(4) fl-Artikolu 13(1), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fil-każ ta' pollam, minbarra flieles ta' ġurnata, u ta' għasafar miżmuma, dik l-ispezzjoni għandha tkopri wkoll il-qatgħa ta' oriġini tal-annimali maħsuba għad-dispaċċ lejn l-Unjoni.";

(5) l-Artikolu 26 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 26

Moviment u mmaniġġjar tal-ungulati wara d-dħul tagħhom fl-Unjoni

Wara d-dħul tagħhom fl-Unjoni, l-ungulati, minbarra l-annimali ekwini, għandhom jibqgħu fl-istabbiliment ta' destinazzjoni tagħhom għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum mid-data tal-wasla tagħhom f'dak l-istabbiliment, sakemm ma jiġux imċaqilqa għall-iskarnar.";

(6) l-Artikolu 49 huwa emendat kif ġej:

(a) il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Permezz ta' deroga mill-Artikolu 14(3), mill-Artikolu 40 u mill-Artikoli 43 sa 48, il-konsenji li jkun fihom anqas minn 20 eżemplar ta' pollam għajr ir-ratiti għandhom ikunu awtorizzati jidħlu fl-Unjoni dment li dawn il-konsenji jkunu konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:";

(b) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) fir-rigward tat-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja:

(i) il-pollam ma jkunx tlaqqam kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;

(ii) il-qatgħa ta' oriġini tal-pollam, minbarra l-flieles ta' ġurnata, ma tkunx tlaqqmet kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;

(iii) meta l-qatgħat ġenituri tal-flieles ta' ġurnata jkunu tlaqqmu kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja, garanziji għall-konformità mar-rekwiżiti minimi għall-programmi ta' tilqim u għal sorveljanza addizzjonali stipulati fl-Anness XIII, ikunu ġew ipprovduti mill-pajjiż terz jew mit-territorju ta' oriġini;";

(c) il-punt (e)(iii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(iii) *Salmonella* Pullorum u *Salmonella* Gallinarum fil-każ ta' *Numida meleagris*, *Coturnix coturnix*, *Phasianus colchicus*, *Perdix perdix*, *Anas* spp.;";

(d) jiżdied il-punt (f) li ġej:

"(f) il-flieles ta' ġurnata jkunu ġejjin minn bajd għat-tifqis li, qabel l-inkubazzjoni, ikun ġie ddiżinfettat skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju ta' oriġini.";

(7) l-Artikolu 57 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 57

Rekwiżiti speċifiċi dwar is-saħħa tal-annimali għall-għasafar miżmuma

Il-konsenji tal-għasafar miżmuma għandhom ikunu awtorizzati jidħlu fl-Unjoni biss jekk l-annimali tal-konsenja jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) dawn ma jkunux tlaqqmu kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;

(b) meta dawn ikunu tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle, l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju ta' oriġini tkun ipprovdiet garanziji li l-vaċċini użati jikkonformaw mal-kriterji ġenerali u speċifiċi għall-vaċċini kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle stipulati fil-punt 1 tal-Anness XV;

(c) dawn ikunu ġew soġġetti għal test għad-detezzjoni tal-virus tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u għall-marda ta' Newcastle b'riżultati negattivi, fi ħdan perjodu ta' bejn seba' u 14-il jum qabel id-data tat-tagħbija għad-dispaċċ lejn l-Unjoni.";

(8) Fl-Artikolu 60, il-punt (b)(vi) jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-punt (c) kif ġej:

"(c) l-għasafar miżmuma jiġu rilaxxati mill-kwarantina biss bl-awtorizzazzjoni bil-miktub ta' veterinarju uffiċjali.";

(9) l-Artikolu 62 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 62

Derogi mir-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' għasafar miżmuma fil-magħluq

1. Permezz ta' deroga mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 10, għajr il-punt (a)(i) tal-Artikolu 3, l-Artikoli 11 sa 19 u l-Artikoli 53 sa 61, il-konsenji ta' għasafar miżmuma fil-magħluq li ma jikkonformawx ma' dawk ir-rekwiżiti għandhom jitħallew jidħlu fl-Unjoni jekk joriġinaw minn pajjiżi terzi jew territorji speċifikament elenkati għad-dħul fl-Unjoni ta' għasafar miżmuma fil-magħluq abbażi ta' garanziji ekwivalenti.

2. Permezz ta' deroga mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11 u fl-Artikoli 54 sa 58, il-konsenji ta' ħamiem tat-tiġrija li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu fejn jinżammu normalment, bl-intenzjoni li jinħelsu immedjatament bl-istennija li jtiru lura lejn dak il-pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu u li ma jikkonformawx ma' dawk ir-rekwiżiti, għandhom jitħallew jidħlu fl-Unjoni jekk jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-Istat Membru tad-destinazzjoni jkun iddetermina li l-ħamiem tat-tiġrija jista' jidħol fit-territorju tiegħu minn dak il-pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu f'konformità mal-Artikolu 230(2) tar-Regolament (UE) 2016/429;

(b) ikunu ġejjin minn stabbiliment reġistrat, f'raġġ ta' 10 km li fih, meta xieraq, inkluż it-territorju ta' kwalunkwe pajjiż ġar, ma kien hemm l-ebda tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle għal perjodu ekwivalenti għal mill-inqas it-30 jum preċedenti qabel id-data tat-tagħbija għad-dispaċċ fl-Unjoni;

(c) ma jkunux tlaqqmu kontra l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja;

(d) ikunu tlaqqmu kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle u l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju ta' oriġini tkun ipprovdiet garanziji li l-vaċċini użati jikkonformaw mal-kriterji ġenerali u speċifiċi għall-vaċċini kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness XV;

(e) ikunu ġejjin minn stabbiliment fejn jitwettaq it-tilqim kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle.

3. Permezz ta' deroga mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 59, 60 u 61, l-awtorità kompetenti tal-Istati Membru tad-dħul fl-Unjoni tista' tawtorizza d-dħul fl-Unjoni tal-ħamiem tat-tiġrija li mhux se jiġi ttrasportat direttament lejn stabbiliment ta' kwarantina approvat f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 jekk:

(a) ikun ħamiem tat-tiġrija li jkun daħal fl-Unjoni minn pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu fejn ikun jinżamm normalment f'konformità mal-paragrafu 2;

(b) jinħeles immedjatament, taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti, bl-istennija li se jtir lura lejn il-pajjiż terz jew it-territorju ta' oriġini jew żona tiegħu.";

(10) fl-Artikolu 74, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-konsenji ta' klieb, ta' qtates u ta' inmsa għandhom ikunu awtorizzati jidħlu fl-Unjoni biss jekk kull annimal fil-konsenja jiġi identifikat b'mod individwali permezz ta' transponder injettabbli kif elenkat fil-punt (e) tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035, li jkun ġie impjantat minn veterinarju u li jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi msemmija fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 576/2013.";

(11) fl-Artikolu 80, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) qabel id-data tal-ġbir, ikunu baqgħu f'pajjiż terz jew f'territorju jew f'żona tiegħu li jkunu elenkati għad-dħul fl-Unjoni tal-ispeċi u tal-kategorija partikolari ta' prodott ġerminali:

(i) fil-każ ta' annimali bovini, ovini u kaprini, għal perjodu ta' mill-inqas sitt xhur;

(ii) fil-każ ta' annimali porċini u ekwini, għal perjodu ta' mill-inqas tliet xhur;";

(12) fl-Artikolu 83, il-punt (a)(iii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(iii) in-numru ta' approvazzjoni uniku tal-istabbiliment tal-prodotti ġerminali tal-ġbir jew tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tal-ħżin ta' dawk il-prodotti ġerminali;";

(13) wara l-Artikolu 85, jiddaħħal l-Artikolu 85a li ġej:

"Artikolu 85a

Spezzjoni tal-konsenji ta' prodotti ġerminali qabel id-dispaċċ lejn l-Unjoni

Il-konsenji ta' semen, ooċiti u embrijuni ta' annimali bovini, porċini, ovini, kaprini u ekwini għandhom ikunu awtorizzati jidħlu fl-Unjoni biss jekk dawk il-konsenji jkunu ġew soġġetti għal eżaminazzjoni viżwali u kontroll tad-dokumentazzjoni, imwettqa minn veterinarju uffiċjali fil-pajjiż terz jew fit-territorju ta' oriġini jew f'żona tiegħu fi ħdan il-perjodu ta' 72 siegħa qabel il-ħin tad-dispaċċ lejn l-Unjoni kif ġej:

(a) eżaminazzjoni viżwali tal-kontenitur tat-trasport sabiex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 84;

(b) kontroll tad-dokumentazzjoni tad-*data* sottomessa mill-veterinarju taċ-ċentru jew tal-grupp biex jiġi żgurat li:

(i) l-informazzjoni li għandha tiġi ċċertifikata hija appoġġata mir-rekords miżmuma skont:

— l-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686; u

— il-punt (d) tal-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament;

(ii) il-marka fuq it-tubi straw jew fuq pakketti oħrajn, applikata skont il-punt (a) tal-Artikolu 83, tkun tikkorrispondi għan-numru pprovdut fiċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali u fuq il-kontenitur li fih jiġu ttrasportati;

(iii) ir-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali msemmija fil-Parti III, it-Titolu 1 ikunu ġew issodisfati.";

(14) fl-Artikolu 87, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Permezz ta' deroga mill-punt (b)(iii) tal-Artikolu 86, il-konsenji ta' ooċiti u ta' embrijuni ta' annimali bovini għandhom jitħallew jidħlu fl-Unjoni jekk annimal donatur ikun ġej minn stabbiliment li ma jkunx ħieles mil-lewkoża enżootika bovina dment li l-veterinarju uffiċjali responsabbli għall-istabbiliment ta' oriġini jkun iċċertifika li ma seħħ l-ebda każ kliniku ta' lewkoża enżootika bovina matul perjodu ekwivalenti għal mill-inqas it-tliet snin preċedenti.";

(15) l-Artikolu 91 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 91

L-istabbiliment ta' oriġini tal-annimali ovini u kaprini donaturi

Il-konsenji ta' semen, ta' ooċiti u ta' embrijuni ta' annimali ovini u kaprini għandhom ikunu awtorizzati jidħlu fl-Unjoni biss jekk ikunu nġabru minn annimali donaturi li jkunu ġejjin minn stabbiliment li kien ħieles mill-infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* u qatt qabel ma kienu f'xi stabbiliment bi stat inferjuri.";

(16) fl-Artikolu 100, il-punt (b)(ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) il-bajd għat-tifqis ikun ġie ttrasferit direttament u malajr kemm jista' jkun fil-bastiment jew fl-inġenju tal-ajru użat għall-kontinwazzjoni tal-vjaġġ lejn l-Unjoni, li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 102, mingħajr ma jkun ħareġ mill-bini tal-port jew tal-ajruport;";

(17) fil-punt (a) tal-Artikolu 102, il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"(a) il-bajd għat-tifqis irid ikun ġie ttrasportat f'mezzi tat-trasport li:";

(18) fl-Artikolu 107, il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) ikunu jew:

(i) soġġetti għal spezzjoni klinika, imwettqa minn veterinarju uffiċjali fil-pajjiż terz jew fit-territorju ta' oriġini jew f'żona tiegħu fi ħdan perjodu ta' 72 siegħa qabel il-ħin tat-tagħbija tal-konsenja tal-bajd għat-tifqis għad-dispaċċ lejn l-Unjoni għall-fini tad-detezzjoni ta' sinjali indikattivi tal-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I u l-mard emerġenti u ma jkunu wrew l-ebda sintomu ta' mard jew raġuni għas-suspettar tal-preżenza ta' kwalunkwe marda minn fost dak il-mard;

jew

(ii) sarulhom

— spezzjonijiet kliniċi fix-xahar, imwettqa minn veterinarju uffiċjali fil-pajjiż terz jew fit-territorju ta' oriġini jew f'żona tiegħu, bl-aktar waħda reċenti mwettqa fi ħdan perjodu ta' 31 jum qabel il-ħin tat-tagħbija tal-konsenja tal-bajd għat-tifqis għad-dispaċċ lejn l-Unjoni, għall-fini tad-detezzjoni ta' sinjali indikattivi tal-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I u l-mard emerġenti u ma jkunu wrew l-ebda sintomu ta' mard jew raġuni għas-suspettar tal-preżenza ta' kwalunkwe marda minn fost dak il-mard;

— evalwazzjoni tal-istat tas-saħħa attwali tagħhom imwettqa minn veterinarju uffiċjali fil-pajjiż terz jew fit-territorju ta' oriġini jew f'żona tiegħu f'perjodu ta' 72 siegħa qabel il-ħin tat-tagħbija tal-konsenja tal-bajd għat-tifqis għad-dispaċċ lejn l-Unjoni, kif ivvalutat minn informazzjoni aġġornata pprovduta mill-operatur u minn kontrolli tad-dokumentazzjoni tar-rekords tas-saħħa u tal-produzzjoni miżmuma fl-istabbiliment, għall-fini tad-detezzjoni ta' sinjali indikattivi tal-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard emerġenti u l-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I.";

(19) L-Artikolu 110 huwa emendat kif ġej:

(a) il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Permezz ta' deroga mill-Artikoli 101, 106, 107 u 108, il-konsenji ta' anqas minn 20 bajda għat-tifqis tal-pollam għajr ir-ratiti għandhom ikunu awtorizzati jidħlu fl-Unjoni jekk ikunu konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:";

(b) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) ikunu ġejjin minn qatgħat li jkunu ġew soġġetti għal spezzjoni klinika, imwettqa minn veterinarju uffiċjali fil-pajjiż terz jew fit-territorju ta' oriġini jew f'żona tiegħu, fi ħdan 24 siegħa qabel il-ħin tat-tagħbija tal-konsenji tal-bajd għat-tifqis għad-dispaċċ lejn l-Unjoni għall-fini tad-detezzjoni ta' sinjali indikattivi tal-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I u l-mard emerġenti, u l-qatgħat ma jkunu wrew l-ebda sintomu ta' mard jew raġuni għas-suspettar tal-preżenza ta' kwalunkwe waħda minn dak il-mard;";

(c) fil-punt (e)(ii), it-tielet inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"— *Salmonella Pullorum* u *Salmonella Gallinarum* fil-każ ta' *Numida meleagris*, *Coturnix coturnix*, *Phasianus colchicus*, *Perdix perdix*, *Anas* spp.;";

(d) jiżdied il-punt (f) li ġej:

"(f) il-bajd għat-tifqis irid ikun ġie ddiżinfettat skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju ta' oriġini.";

(20) fl-Artikolu 111, il-punt (a)(iii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(iii) ikunu nżammu għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas sitt ġimgħat qabel id-data tal-ġbir tal-bajd għad-dispaċċ lejn l-Unjoni fi stabbilimenti li:

— jikkonformaw mal-kundizzjonijiet deskritti fil-Farmakopea Ewropea;

— jiġu approvati mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju ta' oriġini skont ir-rekwiżiti li jkunu mill-inqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035, li l-approvazzjoni tagħhom ma tkunx ġiet sospiża jew irtirata;";

(21) wara l-Artikolu 119, jiddaħħal l-Artikolu 119a li ġej:

"Artikolu 119a

Spezzjoni tal-konsenji ta' prodotti ġerminali qabel id-dispaċċ lejn l-Unjoni

Il-konsenji ta' semen, ooċiti u embrijuni msemmija fl-Artikolu 117 għandhom ikunu awtorizzati jidħlu fl-Unjoni biss jekk dawk il-konsenji jkunu ġew soġġetti għal eżaminazzjoni viżwali u kontroll tad-dokumentazzjoni, imwettqa minn veterinarju uffiċjali fil-pajjiż terz jew fit-territorju ta' oriġini jew f'żona tiegħu fi ħdan il-perjodu ta' 72 siegħa qabel il-ħin tad-dispaċċ lejn l-Unjoni kif ġej:

(a) eżaminazzjoni viżwali tal-kontenitur tat-trasport sabiex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 119;

(b) kontroll tad-dokumentazzjoni tad-*data* sottomessa mill-veterinarju tal-istabbiliment responsabbli għall-attivitajiet imwettqa fl-istabbiliment konfinat biex jiġi żgurat li:

(i) l-informazzjoni li trid tiġi ċċertifikata hija appoġġata mir-rekords miżmuma fl-istabbiliment konfinat;

(ii) il-marka fuq it-tubi straw jew fuq pakketti oħrajn, applikata skont il-punt (a) tal-Artikolu 119, tkun tikkorrispondi għan-numru pprovdut fiċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali u fuq il-kontenitur li fih jiġu ttrasportati;

(iii) ir-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali msemmija fit-Titolu 3 tal-Parti III jkunu ġew issodisfati.";

(22) fl-Artikolu 125(c), il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(i) ikunu tnaddfu u ġew diżinfettati, b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju ta' oriġini, qabel it-tagħbija tal-karkassi għad-dispaċċ lejn l-istabbiliment tal-immaniġġjar tal-kaċċa;";

(23) fl-Artikolu 154, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. L-annimali ta' oriġini ta' ħalib mhux ipproċessat, kolostru jew prodotti li fihom il-kolostru maħsuba għad-dħul fl-Unjoni ma għandhomx ikunu meħtieġa jikkonformaw mal-perjodu ta' residenza msemmi fil-paragrafu 2, dment li jkunu ġew introdotti fil-pajjiż terz jew fit-territorju jew f'żona tiegħu minn:

(a) pajjiż terz ieħor jew minn territorju jew minn żona tiegħu li jkunu elenkati għad-dħul fl-Unjoni ta' ħalib mhux ipproċessat, kolostru jew prodotti li fihom il-kolostru u l-annimali jkunu baqgħu hemm għal mill-inqas tliet xhur qabel il-ħlib; jew

(b) Stat Membru.";

(24) l-Artikolu 167 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) ikunu ntbagħtu direttament mill-post ta' oriġini tagħhom lejn l-Unjoni;

(b) ma jkunux inħattew mill-kontenitur tagħhom meta ġew ittrasportati bl-ajru, bil-baħar, bil-ferrovija jew bit-triq, u l-ilma li fih ikunu ġew ittrasportati ma jkunx inbidel, f'pajjiż terz jew f'territorju, f'żona jew f'kompartiment li ma jkunx elenkat għad-dħul tal-ispeċi u tal-kategorija partikolari ta' annimali akkwatiċi fl-Unjoni;";

(b) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) mill-ħin tat-tagħbija fil-post ta' oriġini sal-ħin tal-wasla fl-Unjoni, dawn ma jistgħux ikunu ġew ittrasportati fl-istess ilma jew kontenitur jew dgħajsa barrada flimkien ma' annimali akkwatiċi li kellhom stat tas-saħħa inferjuri jew li ma kinux maħsuba għad-dħul fl-Unjoni;";

(25) fl-Artikolu 169(3), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) it-tikketta li tinqara msemmija fil-punt (a) irid ikun fiha wkoll id-dikjarazzjonijiet li ġejjin, kif rilevanti:

(i) "ħut maħsub għall-konsum mill-bniedem wara pproċessar ulterjuri fl-Unjoni Ewropea";

(ii) "molluski maħsuba għall-konsum mill-bniedem wara pproċessar ulterjuri fl-Unjoni Ewropea";

(iii) "krustaċji maħsuba għall-konsum mill-bniedem wara pproċessar ulterjuri fl-Unjoni Ewropea".";

(26) fl-Artikolu 172, il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Permezz ta' deroga mill-Artikolu 170(1), ir-rekwiżiti stabbiliti f'dak l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-kategoriji li ġejjin ta' annimali akkwatiċi:";

(27) fl-Artikolu 173, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) ħut maħsub għal konsum mill-bniedem wara l-ipproċessar ulterjuri u li jkun ġie skarnat u ġie evixxerat qabel id-dispaċċ lejn l-Unjoni.";

(28) fl-Artikolu 174, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tista' tagħti biss l-awtorizzazzjoni prevista fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu meta r-rilaxx jew id-dħul f'ilmijiet naturali ma jixħtux f'riskju l-istat tas-saħħa tal-annimali akkwatiċi fil-post ta' rilaxx jew dħul u fil-każijiet kollha, ir-rilaxx fl-ambjent selvaġġ għandu jikkonforma mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 170(1)(a)(iii).";

(29) L-Artikolu 175 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 175

Rekwiżiti addizzjonali dwar is-saħħa tal-annimali sabiex jiġi limitat l-impatt tal-mard li għalih l-Istati Membri jkollhom miżuri nazzjonali approvati f'konformità mal-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429"

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jkollhom miżuri nazzjonali approvati skont l-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 kontra mard għajr il-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1)(d) ta' dak ir-Regolament, għandhom jieħdu miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni ta' dak il-mard bl-applikazzjoni ta' rekwiżiti addizzjonali dwar is-saħħa tal-annimali għad-dħul f'dawk l-Istati Membri, ta' konsenji ta' annimali akkwatiċi u prodotti li joriġinaw minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin f'dawk l-Istati Membri, u tal-ispeċijiet elenkati fit-tieni kolonna tat-tabella stipulata fl-Anness XXIX ta' dan ir-Regolament.";

(30) il-Parti VII hija emendata kif ġej:

(a) it-titolu tal-Parti VII huwa sostitwit b'dan li ġej:

"PARTI VII

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI U FINALI";

(b) l-Artikolu 182a li ġej jiddaħħal wara t-titolu tal-Parti VII u qabel l-Artikolu 183:

"Artikolu 182a

Miżuri tranżizzjonali

1. Iċ-ċentri għall-ġbir tas-semen, iċ-ċentri għall-ħżin tas-semen, il-gruppi ta' ġbir tal-embrijuni u l-gruppi ta' produzzjoni tal-embrijuni li jkunu ġew approvati qabel il-21 ta' April 2021 f'konformità mad-Direttivi tal-Kunsill 88/407/KEE (*), 89/556/KEE (**), 90/429/KEE (***) u 92/65/KEE (****) msemmija fis-sitt, fis-seba', fit-tmien u fit-tnax-il inċiż tal-Artikolu 270(2) tar-Regolament (UE) 2016/429 għandhom jitqiesu li huma stabbilimenti tal-prodotti ġerminali approvati kif imsemmi fl-Artikolu 82(1) ta' dan ir-Regolament.

Fl-aspetti l-oħrajn kollha, dawn għandhom ikunu soġġetti għar-regoli previsti fl-Artikolu 82(2) ta' dan ir-Regolament, u fl-Artikolu 233 tar-Regolament (UE) 2016/429.

2. Il-konsenji ta' semen, ooċiti u embrijuni miġbura, prodotti, ipproċessati u maħżuna qabel il-21 ta' April 2021 għandhom jitħallew jidħlu fl-Unjoni, dment li fir-rigward tal-ġbir, il-produzzjoni, l-ipproċessar u l-ħżin ta' prodotti ġerminali, ir-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali ta' annimali donaturi u l-laboratorju u testijiet oħra mwettqa fuq annimali donaturi u prodotti ġerminali, jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttivi 88/407/KEE, 89/556/KEE, 90/429/KEE u 92/65/KEE rispettivament għall-ispeċijiet tal-annimali donaturi.

3. It-tubi straw u pakketti oħrajn li fihom jitqiegħdu, jinħażnu u jiġu ttrasportati s-semen, l-ooċiti jew l-embrijuni, kemm jekk separati f'dożi individwali kif ukoll jekk le, immarkati qabel il-21 ta' April 2021 f'konformità mad-Direttivi 88/407/KEE, 89/556/KEE, 90/429/KEE u 92/65/KEE rispettivament għall-ispeċijiet tal-annimali donaturi, għandhom jitqiesu li ġew immarkati f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 83 ta' dan ir-Regolament.

(*) Id-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE tal-14 ta' Ġunju 1988 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju u għal importazzjonijiet ta' deep frozen semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini (ĠU L 194, 22.7.1988, p. 10).

(**) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru 1989 dwar kondizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fi u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrijoni ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-ifrat (ĠU L 302, 19.10.1989, p. 1).

(***) Id-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-bhejjem applikabbli għal kummerċ intra-Komunitarju u għall-importazzjonijiet ta' semen ta' bhejjem domestiċi tal-ispeċi tal-majjali (ĠU L 224, 18.8.1990, p. 62).

(****) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(I) ta' Direttiva 90/425/KEE (ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54).";

(c) fl-Artikolu 184, jiżdied it-titolu li ġej:

"Dħul fis-seħħ u applikazzjoni";

(31) l-Annessi III, VIII, XV, XXVIII u XXIX huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi III, VIII, XV, XXVIII u XXIX tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 huma emendati kif ġej:

1. L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) fit-Tabella 1, fit-tielet, ir-raba' u l-ħames ringiela, l-entrati għall-annimali ekwini minbarra annimali ekwini rreġistrati, annimali ekwini rreġistrati u żwiemel irreġistrati li jerġgħu jidħlu wara esportazzjoni temporanja għal kompetizzjoni, tlielaq jew avvenimenti kulturali ekwestri, huma sostitwiti b'dan li ġej:

Speċi u kategorija tal-annimali	*Perjodu minimu ta' residenza fil-pajjiż terz jew fit-territorju ta' oriġini jew f'żona tiegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 11(b)(i)*	*Perjodu minimu ta' residenza fl-istabbiliment ta' oriġini, kif imsemmi fl-Artikolu 11(b)(ii)*	*Perjodu minimu mingħajr kuntatt ma' annimali bi stat tas-saħħa inferjuri kif imsemmi fl-Artikolu 11(b)(iii)*
"Annimali ekwini mhux maħsuba għall-iskarnar	40 jum jew mit-twelid jekk l-annimali jkollhom anqas minn 40 jum, jew minn meta jidħlu mill-Unjoni	30 jum (40 jum miż-żoni ta' riskju tal-marda Afrikana taż-żwiemel) jew mit-twelid, jekk l-annimali jkollhom anqas minn 30 jum (40 jum), jew minn meta jidħlu mill-Unjoni	15-il jum
Żwiemel irreġistrati	40 jum jew mit-twelid jekk l-annimali jkollhom anqas minn 40 jum, jew minn meta jidħlu mill-Unjoni jew minn ċerti pajjiżi terzi elenkati	30 jum (40 jum miż-żoni ta' riskju tal-marda Afrikana taż-żwiemel) jew mit-twelid, jekk l-annimali jkollhom anqas minn 30 jum (40 jum), jew minn meta jidħlu mill-Unjoni jew minn ċerti pajjiżi terzi elenkati	15-il jum
Żwiemel irreġistrati li jerġgħu jidħlu wara esportazzjoni temporanja għal kompetizzjoni, tlielaq jew avvenimenti kulturali ekwestri	sa 30 jum jew sa 90 jum fil-każ ta' kompetizzjonijiet, tlielaq jew avvenimenti kulturali ekwestri speċifiċi	Mhux stabbilita	Matul il-perjodu kollu tal-esportazzjoni temporanja
Annimali ekwini mhux maħsuba għall-iskarnar	90 jum	30 jum (40 jum miż-żoni ta' riskju tal-marda Afrikana taż-żwiemel)	30 jum (40 jum miż-żoni ta' riskju tal-marda Afrikana taż-żwiemel)";

(b) It-Tabella 2 hija emendata kif ġej:

(i) fit-tieni ringiela, l-entrata għall-pollam produttiv għall-produzzjoni tal-laħam u tal-bajd għall-konsum hija sostitwita b'dan li ġej:

Kategorija ta' għasafar	*Il-perjodu ta' residenza japplika għal*	*Perjodu minimu ta' residenza fil-pajjiż terz jew fit-territorju ta' oriġini jew f'żona tiegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 11(b)(i)*	*Perjodu minimu ta' residenza fl-istabbiliment ta' oriġini, kif imsemmi fl-Artikolu 11(b)(ii)*	*Perjodu minimu mingħajr kuntatt ma' annimali bi stat tas-saħħa inferjuri kif imsemmi fl-Artikolu 11(b)(iii)*
"Pollam produttiv għall-produzzjoni tal-laħam, tal-bajd għall-konsum u prodotti oħra	AC	3 xhur, jew mit-tifqis jekk l-annimali jkollhom anqas minn 3 xhur	6 ġimgħat, jew mit-tifqis jekk l-annimali jkollhom anqas minn 6 ġimgħat	6 ġimgħat, jew mit-tifqis jekk l-annimali jkollhom anqas minn 6 ġimgħat";

(ii) fil-ħames ringiela, l-entrata għall-flieles ta' ġurnata hija sostitwita b'dan li ġej:

Kategorija ta' għasafar	*Il-perjodu ta' residenza japplika għal*	*Perjodu minimu ta' residenza fil-pajjiż terz jew fit-territorju ta' oriġini jew f'żona tiegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 11(b)(i)*	*Perjodu minimu ta' residenza fl-istabbiliment ta' oriġini, kif imsemmi fl-Artikolu 11(b)(ii)*	*Perjodu minimu mingħajr kuntatt ma' annimali bi stat tas-saħħa inferjuri kif imsemmi fl-Artikolu 11(b)(iii)*
"Flieles ta' ġurnata	AC	Mit-tifqis	Mit-tifqis	Mit-tifqis
	FO	3 xhur qabel id-data tal-ġbir tal-bajd li minnhom faqqsu l-flieles ta' ġurnata	6 ġimgħat qabel id-data tal-ġbir tal-bajd li minnhom faqqsu l-flieles ta' ġurnata	-";

2. fl-Anness VIII, il-punt 1, in-nota ta' qiegħ il-paġna (**) hija sostitwita b'dan li ġej:

"(**) mhux applikabbli jekk l-annimali jkunu joriġinaw minn pajjiż terz, minn territorju jew minn żona rikonoxxuti bħala ħielsa jew staġjonalment ħielsa mill-marda fil-lista ta' pajjiżi terzi, jew territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ungulati.";

3. fl-Anness XV, il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. **REKWIŻITI DWAR IS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦALL-POLLAM U GĦALL-BAJD GĦAT-TIFQIS LI JORIĠINAW MINN PAJJIŻ TERZ JEW MINN TERRITORJU JEW ŻONA TIEGĦU FEJN IL-VAĊĊINI UŻATI KONTRA L-INFEZZJONI BIL-VIRUS TAL-MARDA TA' NEWCASTLE MA JISSODISFAWX IL-KRITERJI SPEĊIFIĊI STIPULATI FIL-PUNT 1**

Pollam u bajd għat-tifqis li joriġinaw minn pajjiż terz jew minn territorju jew żona tiegħu fejn il-vaċċini użati kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle ma jissodisfawx il-kriterji speċifiċi stipulati fil-punt 1.2 iridu jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati hawn taħt:

(a) il-pollam, il-qatgħa ta' oriġini tal-flieles ta' ġurnata u l-qatgħa ta' oriġini tal-bajd għat-tifqis ma jistgħux ikunu tlaqqmu b'vaċċini tali għal perjodu minimu ta' 12-il xahar qabel id-data li fiha l-konsenja titgħabba għad-dispaċċ lejn l-Unjoni;

(b) il-qatgħa ta' oriġini tal-pollam u tal-bajd għat-tifqis trid tkun saritilha test ta' iżolament virali għall-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mhux qabel ġimagħtejn qabel id-data tat-tagħbija tal-konsenja għad-dispaċċ lejn l-Unjoni jew, fil-każ tal-bajd għat-tifqis, mhux qabel ġimagħtejn qabel id-data li fiha jkun inġabar il-bajd. It-test irid ikun sar f'laboratorju uffiċjali fuq kampjun aleatorju ta' tampuni kloakali meħuda minn tal-anqas 60 għasfur f'kull qatgħa, u ma jkun instab l-ebda paramissovirus tat-tjur b'IPCI ta' aktar minn 0,4;

(c) il-pollam, ħlief il-flieles ta' ġurnata, il-qatgħa ta' oriġini tal-flieles ta' ġurnata u l-qatgħat ta' oriġini tal-bajd għat-tifqis iridu jkunu nżammu f'iżolament taħt sorveljanza uffiċjali fl-istabbiliment ta' oriġini matul il-perjodu ta' ġimagħtejn imsemmi fil-punt (b);

(d) il-pollam, ħlief il-flieles ta' ġurnata, il-qatgħa ta' oriġini tal-flieles ta' ġurnata u l-qatgħa ta' oriġini tal-bajd għat-tifqis ma jistgħux ikunu ġew f'kuntatt ma' pollam li ma jissodisfax ir-rekwiżiti stipulati fil-punti (a) u (b):

(i) fil-każ tal-pollam, matul perjodu ta' 60 jum qabel id-data li fiha tgħabbiet il-konsenja għad-dispaċċ lejn l-Unjoni;

(ii) fil-każ tal-bajd għat-tifqis, matul perjodu ta' 60 jum qabel id-data li fiha nġabar il-bajd;

(e) il-bajd għat-tifqis li minnu jiġu dderivati l-flieles ta' ġurnata ma jistgħux ikunu ġew f'kuntatt fil-mafqas jew matul it-trasport lejn il-mafqas ma' pollam jew ma' bajd għat-tifqis li ma jissodisfax ir-rekwiżiti stipulati fil-punti (a) sa (d).";

4. fl-Anness XXVIII, il-punt 1 fit-tabella, fit-tielet ringiela, l-entrata għall-abjad tal-bajd imnixxef hija sostitwita b'dan li ġej:

Prodott tal-bajd	Trattament	
	Temperatura fil-qalba (fi gradi Celsius (°C))	Durata tat-trattament (f'sekondi (s) jew f'siegħat (hr))
"Abjad tal-bajd imnixxef	67 °C	20 hr
	54,4 °C	50,4 hr";

5. fl-Anness XXIX, it-tabella hija emendata billi jiġi inkluż it-test ta' hawn taħt direttament fuq il-linja li tirreferi għall-marda viremija tar-Rebbiegħa tal-karpjun (SVC) u l-ispeċi suxxettibbli tagħha:

"Marda tal-virus tal-erpete tal-koi	Kif stipulat fil-kolonna 3 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882".